25 ta' Marzu 2021
30/2021

**IT-TRIDU TAL-GĦID 2021**

L-INSARA MĦEĠĠA JINGĦAQDU FIT-TALB MATUL IL-ĠIMGĦA MQADDSA

L-Arċidjoċesi ta' Malta qed tippubblika direttivi dwar it-Tridu tal-Għid ta' din is-sena, jiġifieri Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira u Sibt il-Għid. Dan sabiex titħares is-saħħa tal-poplu billi jiġu osservati numru ta' miżuri li jindirizzaw is-sitwazzjoni preżenti tal-pandemija.

F'dawn il-jiem importanti fil-ħajja tan-Nisrani, il-knejjes ser ikunu miftuħa biss għal talb privat kif kien tħabbar fil-bidu ta' dan ix-xahar. Għalhekk, fil-ħin li l-knisja tkun miftuħa għall-pubbliku, mhux ser jiġi organizzat talb komunitarju jew xi attività reliġjuża. Iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi ta' matul it-Tridu tal-Għid ser isiru mingħajr il-preżenza tal-pubbliku.

Is-Seba' Viżti li s-soltu jsiru f'Ħamis ix-Xirka filgħaxija jew il-Ġimgha l-Kbira filgħodu, għandhom isiru biss fi knisja waħda. Għal waqt dan il-mument ta' talb privat ser jintrama l-artal tar-repożizzjoni u ser tiġi pprovduta online għajnuna għat-talb. Din ser tkun aċċessibbli fuq il-website uffiċjali tal-Arċidjoċesi ta' Malta Knisja.mt, flimkien ma' lista bil-ħinijiet tal-ftuħ tal-knejjes matul dawn il-jumejn.

L-Insara qed jiġu mistiedna jipparteċipaw fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' matul it-Tridu tal-Għid li ser jixxandru fuq **TVM2**, u online fuq Knisja.mt u Newsbook.com.mt.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**